# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 28/2021 BS**

**Laurence Atard; Mariano Attard; George Attard;**
**Joseph Attard u Victoria Attard**

**-vs-**

**Carmelo Mifsud**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi[1] illi ppremettew:**

1. Premess illi r-rikorrenti Laurence, Joseph, Mario u George ahwa germani Attard ulied il-mejjet Nicholas Attard u r-rikorrenti Victoria Attard flimkien u solidalment bejniethom huma propjetarji tal-fond numru tnejn (2), drabi ohra indikat bhala numri wiehed (1), tnejn (2) fi Triq is-Sellum, Xaghra, Ghawdex;

[1] Rik. gur. a fol 1 sa 5 b'dokumenti a fol 6 sa 20.

2. Illi dan il-fond huwa provenjenti lilhom mil-wirt u successjoni tal-mejjet missierhom, Nicholas Attard kif soġġett ghal-uzu u uzufrutt favur ir-rikorrenti ommhom Victoria Attard, u dan kif jidher mit-testmenti mizmuma fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech tat-18 ta' Gunju 2001 u l-14 ta' Novembru 2001, rispettivament u d-dikjarazzjoni *causa mortis*, fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech tal-erbgha u għoxrin ta' Settembru elfejn u tmienja (24.09.2008) [GI/1888/2008], hawn anness u mmarkat Dok AF1;

3. Premess illi l-propjetà ippreveniet lil-missier permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar John Busuttil tat-tmienja (8) ta' Ottubru tas-sena elf disgha mija u wiehed u sittin (1961) fejn akkwista minghand ohtu Giuseppa Attard, "Lok ta' djar li jinsab Ghawdex, ix-Xaghra, Triq Sellum numru wiehed (1) u tnejn (2) b'mandretta mieghu annessa tal-kejl ta' circa nofs siegh b'li fiha, soggett ghac-cens annwu u perpetwu indikat fl-att, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu." [GI/691/1961], liema kuntratt huwa hawn anness u mmarkat dok AF2;

4. Premess illi oht il-mejjet Nicholas Attard, Giuseppa Attard kienet akkwistat l-istess fond li kienet ir-residenza tal-genituri ta' Nicholas Attard u hutu permezz ta' kuntratt ta' bejgħ minn Felica, Lela, Carmela, Mananni, Nicholas u George ahwa Attard lil ohthom Giuseppa Attard, permezz ta' kuntratt mizmum fl-atti tan-Nutar J. Busuttil tat-tmienja u għoxrin ta' Jannar tas-sena elf disa' mija wiehed u sittin (28.01.1961) [GI/71/1961], liema kuntratt jinsab hawn anness u mmarkat bhala dok AF3.

5. Premess illi parti mil-fond propjetà tar-rikorrenti huwa konsistenti f'art li qed tintuza bhala rampa jew entrata li jinsab attigwu ghal-propjeta tal-intimat u huwa delinjat mil-propjeta tal-intimat permezz ta' hajt tas-sejjiegh wiesgħa almenu dobblu jew iktar kif ser jigi kostatat tul andament tal-provi tal-kawza odjerna;

6. Premess illi minghajr il-kunsens u l-awtorizazzjoni tar-rikorrenti l-intimat qabad u hatt il-hajt tas-sejjiegh ezistenti u ittenta itella' hajt tal-kantun tad-disgha (9) f'linja li ma hix fin-nofs tal-hajt tas-sejjiegh gia ezistenti izda aktar lejn il-propjeta tar-rikorrenti;

7. Premess illi bil-mod ta' kif qed jinbena l-hajt jidher li l-intimat bi hsiebu jifforma bieb gol-istess hajt li suppost huwa hajt komuni u divizorju bejn il-partijiet, liema fetha qed taghti ghal fuq il-propjeta tar-rikorrenti bl-intiza cara li johloq piz gdid fuq il-propjeta tar-rikorrenti u dan ukoll minghajr il-permess u awtorizazzjoni tar-rikorrenti.

8. Premess illi di piu dawn ix-xogholijiet kollha kienu qed isiru minghajr ebda permess u awtorizazzjoni mill-awtorità kompetenti;

9. Premess illi per konsegwenza tax-xogholijiet intraprizi minnu huwa qieghed jittenta jispostja il-linja divizorja, kif ukoll ibidel in-natur il-forma u d-dimensjoni tal-hajt u ergo sahansitra anke l-estensjoni tal-propjeta tal-atturi u dan ghad-detriment u dannu taghhom.

10. Premess illi *in oltre* ir-rikorrenti huma s-sidien tal-għar li jinsab taħt l-entrata ossia rampa propjeta tar-rikorrenti u jagħti ghat-triq, li dari kien immarkat bin-numru wiehed (1), liema ghar huwa parti mil-fond propjeta tar-rikorrenti kif ser jigi ampjament pruvat fil-mori tal-kawza;

11. Premess illi matul l-access l-intimat accena li huwa ghandu drittijiet reali fuq dan l-ghar, li attwalment jinsab fil-pussess tieghu, liema pussess u klandestin u illegali;

12. Premess illi mitlub sabiex jirregola l-pozizzjoni tieghu permezz tal-ittra legali datata 24 ta' Settembru 2020, hawn annessa u mmarkata bhala Dok AF4, huwa baqa inadempjenti tant illi kellu jsir il-mandat ta' inibizzjoni, mandat numru sitta u hamsin zbarra elfejn u għoxrin (56/2020) waqt liema proceduri huwa wkoll beda jippretenti kif inghad hawn fuq li l-ghar huwa tieghu u għalhekk ir-rikorrenti ma kellhom ebda ghazla ghajr li jintavolaw dawn il-proceduri;

**Talbu lil din il-Qorti:**

1. Tiddikjara illi l-hajt hawn fuq deskritt huwa hajt komuni u divizorju li jifred il-propjetajiet rispettivi tal-partijiet liema hajt minn dejjem kien wiehed tas-sejjiegh li ma kellu fih ebda apertura jew bibien;

2. Tordna lil-intimat sabiex huwa jibni l-hajt divizorju fil-wisgha, natura u fuq il-linja divizorja originali bejn il-propjetajiet u cioe kif kien kollox qabel ma beda jaghmel ix-xogholijiet intraprizi minnu u skont is-sengha u l-arti u dan fi zmien fiss u perentorju. F'kaz li jghaddi dak iz-zmien inutilment, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jaghmlu dawn ix-xogholijiet kollha minflok l-intimat bl-assistenza ta' perit nominandi a spejjez tal-istess intimat;

3. Tiddikjara li l-ghar dari immarkat bin-numru wiehed (1) li jinsab taht ir-rampa u jagħti ghat-triq huwa propjeta tar-rikorrenti;

4. Tordna lil intimat sabiex jirripristina l-ghar kif kien originarjament u jizgumbra mil-istess ghar fi zmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjez kollha inkluz l-ispejjez tal-ittra legali tal-24 ta' Settembru 2020, u mandat ta' inibizzjoni numru sitta u hamsin zbarra elfejn u ghoxrin (56/2020) kontra l-intimat li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut[2] illi eċċepixxa:**

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu michuda bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti u dan għal diversi raġunijiet fosthom is-segwenti;

2. Illi l-ewwel talba tal-atturi hija bbażata fuq il-premessa li r-rikorrenti għandhom xi sehem mill-ħajt tas-sejjieħ li fuqu l-esponenti kien qiegħed iwettaq ix-xogħolijiet qabel ma twaqqaf bis-saħħa ta' dan il-mandat.

3. Madankollu, din il-premessa hija waħda skorretta u żbaljata għall-aħħar.

[2] Risposta guramentata a fol 28 sa 30.

4. L-ewwelnett, sabiex il-pretensjoni tar-rikorrenti jista' jkollha missewwa, huwa neċessarju li r-rampa li tiġi fuq in-naħa tal-lbiċ ta' dan il-ħajt tas-sejjieħ tkun proprjetà tar-rikorrenti. Imma dan mhuwiex il-każ:

    i. Din ir-rampa hija triq pubblika tant li tinsab irregistrata mad-Dipartiment tal-Artijiet (illum l-Awtorità tal-Artijiet) fir-Registru tal-Artijiet bħala parti mid-demanju pubbliku;

    ii. Tant huwa hekk li mhux biss din ir-rampa testendi għal ġot-triq saħansitra iktar il'barra mil-allinjament tat-triq fil-parti fejn għandha l-faċċata tagħha għal fuq din it-triq il-proprjetà tal-esponenti, imma wkoll din ir-rampa sservi wkoll bħala mezz ta' aċċess għal proprjetà oħra tal-esponenti u ta' terzi. Fi kliem ieħor din ir-rampa ma hijiex xi proprjetà privata tar-rikorrenti, li tista' tiġi kkunsidrata li tifforma parti integrali mid-dar tagħhom.

    iii. Fit-tielet lok, u bħala korollari għall-kunsiderazzjonijiet preċedenti, dan il-ħajt tas-sejjieħ kien minn dejjem jifforma parti minn reċint bejn il-proprjetà tal-esponenti u t-triq pubblika u bħala tali kien dejjem ikkunsidrat bħala parti integrali mill-proprjetà tal-esponenti.

    Dan jirriżulta car minn ritratt meħud minn fuq il-*Google Earth Maps* tal-ħajt tas-sejjieħ kif kien jeżisti qabel ma nbdew ix-xogħlijiet fuq dan il-ħajt tas-sejjieħ li jinsab inkorporat hawn taħt bħala parti minn din ir-risposta.[3]

    Dan ir-ritratt juri li l-irjus tal-kantun li jservu ta' support għall-bieb ta' barra tal-proprjetà tal-esponenti fuq in-naħa tal-punent jokkupaw il-ħxuna kollha ta' dan il-ħajt, proprju għaliex il-ħxuna kollha tal-ħajt hija intiza sabiex isservi biss il-proprjetà tal-esponenti.

    iv. Fir-raba lok, ma huwiex minnu li r-rikorrenti ser isofru xi forma ta' preġudizzju per konsegwenza tax-xogħlijiet intrapriżi mill-esponenti.

[3] Ritratt minn *Google Earth* ezebit a fol 35.

Infatti sal-lum, ir-rikorrenti kellhom disponibbli għalihom biss il-wisa' vojt tar-rampa li tikkonduci għall-proprjetà tagħhom, u l-ebda parti mill-ħxuna ta' dan il-ħajt ma kienet intiża għal dan l-iskop.

Dan l-istat ta' fatt mhux ser jinbidel jew isofri xi kambjament bħala konsegwenza tax-xogħolijiet tal-esponenti. Ir-rampa kollha ser tibqa' sħiħa u integra fil-wisa' eżistenti kollu tagħha proprju għaliex l-esponenti qiegħed jibni l-wiċċ estern tal-ħajt tal-kantun preċiżament fuq l-assi li fuqu qabel kien hemm il-wiċċ estern tal-ħajt tas-sejjieħ. Dan jirrikonoxxuh ir-rikorrenti nfushom għaliex huma qegħdin jippretendu li huma għandhom jirbħu nofs il-ħxuna tal-ħajt tas-sejjieh, mhux li l-esponenti qiegħed idejjaq ir-rampa minn kif kienet originarjament.

5. Illi fir-rigward tal-premessa li x-xogħlijiet li l-esponenti kien qed iwettaq fuq il-ħajt divizorju kienu qed isiru mingħajr ebda permess u awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti, din hija fattwalment skorretta, u fi kwalsiasi każ, anki jekk, għall-grazzja tal-argument biss, hija korretta, dan in-nuqqas ma jiġġustifikax azzjoni ġudizzjarja minn persuna privata għaliex hija biss l-awtorità kompetenti li jkollha d-dritt ta' azzjoni sabiex telimina jew tneħħi xogħlijiet li jkunu saru mingħajr dawk il-permessi;

6. Illi l-pretensjonijiet tal-atturi fuq l-għar inkwistjoni huma nfondati fid-dritt u fil-fatt għaliex dan l-għar qatt ma kien fil-pussess tal-atturi u qatt ma kien jifforma parti mill-proprjetà akkwistata mill-awturi fit-titolu tagħhom, mentri għall-kuntrarju dan kien dejjem fil-pussess legittimu u legali tal-eċċipjenti u tal-awturi tiegħu fit-titolu, kif sejjer jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

7. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**Fliet l-atti.**

**Rat** li fl-udjenza tat-30 ta' Marzu, 2022 il-Qorti laqghet talba tal-atturi ghal-allegazzjoni tal-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 56/2020 ma' l-atti ta' din l-istanza.[4]

**Rat** li fl-istess udjenza tat-30 ta' Marzu, 2022, wara li rriservaw id-dritt li jitolbu access, l-atturi ddikjaraw l-istadju tal-provi taghhom maghluq.[5]

**Rat** li fl-udjenza tal-1 ta' Dicembru, 2022 il-konvenut iddikjara l-istadju tal-provi tieghu maghluq.[6]

**Rat** li fl-udjenza tat-22 ta' Frar, 2023 ordnat li jsir access.[7]

**Rat** ir-rikors tal-atturi tat-8 ta' Marzu, 2023 li segwa l-ordni sabiex jinzamm access kif ukoll ir-ritratti annessi mall-istess.[8]

**Rat** il-verbal tal-access mizmum nhar l-24 ta' Marzu, 2023.[9]

**Rat** li b'digriet taghha tal-24 ta' Marzu, 2023 astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors tal-atturi tat-8 ta' Marzu, 2023 stante li l-kontenut tal-istess gie trattat waqt l-access tal-24 ta' Marzu, 2023.[10]

**Rat** in-nota tal-konvenut tal-14 ta' April, 2023 li biha ezebixxa kopja tan-nota tal-insinwa tal-kuntratt tas-27 ta' Dicembru, 1978 – Nota Nru. GI/1/1979.[11]

**Rat** li fl-udjenza tat-12 ta' Mejju, 2023 il-partijiet iddikjaraw il-kontro-ezamijiet ezawriti bil-kawza giet differita ghal prezentata tan-noti tal-osservazzjonijiet kif ukoll ghal-llum ghas-sentenza.[12]

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza**, inkluz id-dokumenti ezebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet**.

---

[4] Verbal a fol 154 u 155.
[5] Verbal a fol 154 u 155.
[6] Verbal a fol 179.
[7] Verbal a fol 237.
[8] Rikors a fol 239 u 240, ritratti a fol 241, 242, u 243.
[9] Verbal a fol 249 sa 261.
[10] Digriet a fol 263.
[11] Nota a fol 264. Nota tal-insinwa a fol 265.
[12] Verbal a fol 274.

**B. Provi:**

**Semghat ix-xhieda bil-gurament u rat dik maghmulha bil-procedura tal-affidavit, ta':**

**Laurence Attard**, attur, xehed permezz ta' affidavit.[13] Jiddikjara li l-konvenut joqghod bieb ma' bieb ma' ommu, l-attrici Victoria, u hutu, l-atturi l-ohrajn, fi Triq tas-Sellum, ix-Xaghra, Ghawdex.

Jghid li din id-dar fejn jghixu ommu u hutu giet ghandhom mil-wirt ta' missieru Nicholas sive Nikol Attard.

Izid li l-istess dar l-ewwel kienet tal-genituri ta' missieru mbaghad, meta mietu l-genituri ta' missieru nbieghet minn missieru u hutu lill ohthom Guzeppa Attard li mbaghad bieghet kollox lill missieru.

Jirreferi ghal-kuntratti ta' trasferiment ezebiti mar-rikors guramentat u jghid li fl-istess, id-deskrizjzoni tad-dar kienet *lok ta' djar li jinsab Ghawdex, ix-Xaghra, Triq Sellum, numri wiehed u tnejn (1) u (2) b'mandretta mieghu annessa, tal-kejl ta' cirka nofs siegh, b'li fiha, soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' tmien soldi u nofs, bid-drittijiet u pertinenzi tieghu kollha*.

Jiddikjara li missierhom kien jghid li meta xtara d-dar din kienet tikkonsisti f'dar, remissa, bitha nterna, medda art quddiem id-dar – cioe mandretta – u ghar taht il-mandretta. Izid li llum parti mill-mandretta hija l-intrata fejn hemm il-hajt tas-sejjiegh li ghandhom il-kwistjoni fuqu.

Dwar ir-remissa jghid li din hija l-garaxx li ma' jinghalaqx – allura speci ta' tisqifa fejn kien jitpogga karrettun u ziemel u wara bdiet titpogga karozza.

Jghid li l-unici bibien li kien hemm fl-assjem ta' din il-proprjeta' kienu l-bieb numru tnejn (2) u dak tal-ghar numru wiehed (1).

Jiddikjara li missieru kien altera l-proprjeta' billi nehha r-remissa, wessgha bieb f'wiehed ta' garaxx u flok parti mir-remissa ghamel il-bieb

---

[13] Affidavit a fol 37 sa 38, inkluz in verso pagina, b'dokumenti a fol 39 sa 57.

principali tad-dar. Izid li safejn qabel kienet twassal ir-remissa gie msaqqaf bil-konkos sabiex din giet speci ta′ veranda.

Jannetti zewg ritratti li juru kif giet tidher il-proprjeta′ wara dawn l-alterazzjonijiet.[14]

Jannetti *survey* li ghamel il-Perit Saviour Micallef u jghid li min dan jidher car li missieru kien akkwista wkoll l-intrata.[15] Izid li l-mandretta u l-bitha huma tal-kejl ta′ cirka nofs siegh skond il-kuntratti ta′ trasferiment.

Jghid li fis-snin disghin ksew l-intrata taghhom bil-konkos.

Jghid li huma dejjem qisu din il-proprjeta′ bhala taghhom minkejja li minnha jghaddu l-konvenut Mifsud u certu Calleja biex jidhlu fil-proprjeta′ taghhom li tinsab ′il gewwa mill-intrata taghhom. Izid li dawn dejjem ghaddew bir-rigel u mil-genb ghalkemm anqas jaf mnejn gej dan id-dritt ta′ passagg bir-rigel stante wkoll li l-konvenut ghandu access minn banda ohra.

Jiddikjara li fil-fatt huma dejjem uzaw din l-intrata bhala estensjoni tal-garaxx taghhom u dejjem hallew oggetti taghhom, inkluz vetturi, fiha. Izid izda li dejjem hallew il-genb liberu biex ma′ jxeklux lil Calleja u lil Mifsud mil-moghdija bir-rigel.

Jiddikjara li l-konvenut Mifsud ghandu proprjeta′ aktar ′il gewwa minn din l-intrata kif diga qal kif ukoll l-ghalqa magenba fuq in-naha tal-Lvant.

Jghid li bejn l-intrata taghhom u din l-ghalqa ta′ Mifsud kien hemm hajt antik tas-sejjiegh li jibda minn Triq tas-Sellum u jibqa diehel sal-bini ta′ Mifsud li jinsab fi sqaq ′il gewwa mill-intrata.

Jiddikjara li dan il-hajt kien wisgha cirka metru kif ghadu jidher f′xi bnadi. Jghid li recentement Mifsud beda jhott xi gebel minn dan il-hajt. Jezebixxi ritratt li jghid li juri dan.[16]

Jghid li minkejja li dan huwa hajt divizorju, Mifsud ma′ qalilhomx li ried jibdlu sakemm f′daqqa wahda qabbad kuntrattur inehhih u beda jbni

[14] Ritratti a fol 39 u 40.
[15] *Survey* a fol 41 u 42.
[16] Ritratt a fol 43.

minfloku wiehed bil-kantun tad-disgha b'mod li ttenta anke jirbah l-ispazju. Jezebixxi ritratt li jghid li juri dan.[17]

Izid li apparti dan, fil-hajt gdid tal-kantun, Mifsud ifforma bieb meta l-hajt divizorju qatt ma' kellu aperturi u certament m'hemmx dritt li jsiru aperturi fih ghal gol-proprjeta' taghhom. Jezebixxi ritratti li jghid li juru dan.[18]

Jghid li oltre dan Mifsud anqas biss ghandu l-permessi necessarji sabiex jaghmel tali xogholijiet.

Jghid li Mifsud anke qabbad lill-kuntrattur ikisser ir-rampa taghhom li taghti ghall-intrata taghhom. Jannetti ritratti li jghid li juru dan.[19] Jghid li b'konsegwenza ta' dan ghamlu zmien anqas setghu jidhlu bil-vetturi bhas-soltu.

Jghid li fl-20 ta' Settembru, 2020 mar ghand ommu u sab pajp tal-ilma jaqsam minn quddiem id-dar taghhom. Jezebixxi ritratt li juri dan.[20]

Jghid li kellmu lil tal-ilma li nfurmawhom li Mifsud kien qalilhom jghaddu l-ilma minn quddiem il-garaxx taghhom. Izid li kellem lil Mifsud li qallu li l-pajp minn hemm rid jghaddi. Jghid li dan minkejja li l-ilma dejjem kien ghaddej minn taht l-art ezatt magenb il-hajt divizorju. Jghid li s-sens komun rebah u tal-ilma ghaddew l-istess kif kien qabel.

Jiddikjara li wara dan, il-hsara li halla warajh Mifsud ma' rrangahiex minn butu izda qabbad lil tal-Gvern. Jghid li dan kien bi skop sabiex jigi jidher li din proprjeta' tal-Gvern. Izid li parti biss mir-rampa hija tal-Gvern. Jezebixxi pjanta li jghid li turi dan.[21]

Dwar l-ghar, jghid li dan kien parti mill-proprjeta' li akkwista missieru. Jghid li fih kienu jrabbu hrief u gidien pero missieru gieli qal li fil-gwerra anke stkennew fih. Jghid li l-ghar kien in-numru wiehed (1) u kif qal qabel, il-bieb ta' hdejn ir-remissa kien dak numru tnejn (2).

[17] Ritratt a fol 44.
[18] Ritratti a fol 45 u 46.
[19] Ritratti a fol 48 u 49.
[20] Ritratt a fol 50.
[21] Pjanta a fol 51 u 52.

Jezebixxi kopji ta' pagni tar-registru elettorali tal-1946 u l-1952 li jindikaw li fin-numru wiehed (1) ma' kien jghix hadd.[22]

Jghid li fi zmien missieru kien imsiefer u missier Mifsud talbu juza l-ghar bi pjacir. Izid li aktar tard, u minkejja li maz-zmien l-istess ghar ma' kien baqa' jintuza minn hadd, Mifsud beda jallega li l-intrata hija tieghu ghax anke l-ghar huwa tieghu.

Jghid li dan mhux korrett ghaliex kemm l-intrata kif ukoll l-ghar tahta huma taghhom.

**Joseph Attard**, attur, xehed permezz ta' affidavit.[23] Jiddikjara li huwa jiftakar remissa li ma' kienitx tinfed ghal gewwa u fiha missieru kien izomm karrettun u wara karozza.

Jghid li jiftakar ukoll li ghad-dar bieb wiehed biss kien hemm.

Izid li jiftakar li fl-ghar kien hemm gandott li jservi ta' *overflow* f'kaz li jfur il-bir fid-dar taghhom. Izid li l-ghar kellu n-numru wiehed (1) fuq il-bieb.

Izid li jaf li meta missieru kien imsiefer l-ghar kienu juzawh ta' Mifsud bi pjacir ta' missieru. Izid li llum l-ghar ilu vojt u jinsab miftuh.

**Mariano Attard**, attur, xehed permezz ta' affidavit.[24] Jiddikjara li jikkonferma dak kollu dikjarat minn hutu Laurence u Joseph fl-affidavit tieghu.

Izid biss li meta kien qed jaghmel il-konkos fir-rampa kien mar fuqu George Mifsud, hu l-konvenut, u gibidlu l-attenzjoni dwar l-ghar taht l-intrata.

[22] Pagni mir-registri elettorali a fol 53 sa 56.
[23] Affidavit a fol 61.
[24] Affidavit a fol 57.

Jghid li huwa qallu li fi hwejjgu kien jahdem u ma' kienx ser jaghmel hsara fi hwejjgu stess u George ma' tkellem xejn aktar.

Izid ukoll li l-konvenut ghandu access iehor ghal-proprjeta' tieghu 'il gewwa mill-intrata taghhom fejn fil-fatt kien hemm anke tarag. Jezebixxi ritratti li jghid li juru l-istess tarag u passagg li thalla mill-konvenut bejn il-garaxx tieghu u proprjeta' ohra.[25]

Jghid li madankollu ghal xi raguni dan it-tarag tnehha izda l-passagg ghadu hemm.

Jghid li b'dan il-passagg ulterjuri Mifsud m'ghandux ghalfejn jghaddi minn fuq taghhom.

Jesebixxi wkoll ritratt li jghid li juri kif kien il-hajt tas-sejjiegh qabel inqala u li fl-istess ma' kienx hemm aperturi.[26]

**Toni Portelli**, xehed permezz ta' affidavit.[27] Jiddikjara li Nicholas Attard huwa kugin ta' missieru li huwa minn dejjem jaf joqghod fid-dar fi Triq tas-Sellum, ix-Xaghra.

Jghid li l-ghar li hemm quddiem id-dar dejjem jafu ghand Nicholas. Izid li meta kellu 7 snin, xi 66 sena ilu, kien gieli jkun ghaddej minn hemm ma' missieru u jinzerta lill Nicholas jaghlef xi gidien li kellu f'dan l-ghar. Izid li dan kien qabel ma' Nicholas mar l-Awstralja meta kien ghadu guvni.

**George Debrincat**, xehed permezz ta' affidavit.[28] Jiddikjara li huwa jigi sekondu kugin ta' Victoria Attard, mart Nicholas Attard.

Jghid li meta kellu madwar 23 sena huwa kien imur jikkaccja l-fniek ma' Nicholas. Izid li dak iz-zmien Nicholas kien diga mizzewweg.

---

[25] Ritratt a fol 58 u 59.
[26] Ritratt a fol 60.
[27] Affidavit a fol 62.
[28] Affidavit a fol 62a.

Jgħid li d-dar ta' Nicholas kellha biss bieb wieħed u kellha remissa magenbha li ma' kienitx tinfed għad-dar. Jgħid li r-remissa kienet titħalla miftuħa u fiha kien jinżamm karrettun.

Jgħid li meta Nicholas irranġa l-post huwa kien għenu peress li kien jaħdem fil-ġebel. Iżid li Nicholas neħħa r-remissa u l-faċċata ġiet kif inhi llum.

Jgħid li r-remissa kienet tasal sa tarf it-tisqifa fuq il-bieb ta' barra tad-dar ta' mart Nicholas, kif jimmarka fuq ritratt li jeżebixxi.[29]

**Mark Cini**, in rappreżentanza tal-Awtorita' tal-Ippjanar, xehed[30] li mir-riċerka li għamel sab permess maħruġ lill Carmelo Mifsud fid-19 ta' Diċembru, 2018 sabiex jinbena garaxx għal-użu privat.

Jeżebixxi kopja tal-permess bis-*site plan* u pjanti approvati.[31]

**Andrew Vella**, in rappreżentanza tar-Reġistru tal-Artijiet, xehed[32] li t-territorju rilevanti għal din il-kawża jinsab barra miż-żona ta' reġistrazzjoni li jfisser li l-privat ma' jistax jirreġistra titolu iżda l-Gvern dejjem jista.

Jippreżenta żewġ ċertifikati ta' titolu dwar artijiet irreġistrati fit-territorju rilevanti.[33] Jeżebixxi wkoll pjanta aktar ċara ta' dak irreġistrat bl-istess titoli.[34]

Jgħid li kull fejn immarka bl-aħmar fuq l-istess pjanta u kiteb *government property* jiddenota proprjeta' irreġistrata bħala proprjeta' tal-Gvern.

**Il-Perit Saviour Micallef**, xehed[35] li l-atturi Attard inkarigawh jagħmel *survey* ta' proprjeta' tagħhom fi Triq tas-Sellum, ix-Xagħra, Għawdex.

[29] Ritratt a fol 63.
[30] Traskrizzjoni a fol 97 sa 99.
[31] Kopja ta' permess li jġib in-numru PA/01066/18 maħruġ lill Carmelo Mifsud nhar id-19 ta' Diċembru, 2018 għal *proposed garage for private cars* – a fol 76 sa 83. *Site plan* a fol 85. Pjanti a fol 86 sa
[32] Traskrizzjoni a fol 100 sa
[33] Ċertifikati ta' titolu LRA 166/02 a fol 89 sa 93.
[34] Pjanta a fol 94.
[35] Traskrizzjoni a fol 103 sa 107.

Jghid li huwa rrefera ghall-pjanti fl-arkivji u s-*survey sheets* tal-Awtorita' tal-Ippjanar minn fejn sab il-kejl superficjali ta' bitha li hemm quddiem dan il-post, fejn illum hemm rampa, u ohra li kienet magenb il-post.

Jghid li huwa ghalhekk mmarka l-proprjeta' tal-atturi approssimitivament fuq *survey sheets* tal-Awtorita' tal-Ippjanar u stampa l-istess sabiex taghhom lill-atturi. Jezebixxi kopja taghhom.[36]

Jghid li zona fiha cirka 43m.k. u ohra fiha 53m.k.

**Martin Bajada**, in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Artijiet, xehed[37] li t-territorju kollu li mmarka bl-orangju fuq ritratt mill-ajru li jezebixxi huwa proprjeta' tal-Gvern.[38] Jghid li sabiex wasal ghall-estent ta' dan it-territorju rrefera ghal-*survey sheet* tal-1900.[39]

Mistoqsi fuq Triq tas-Sellum u dahla li hemm tibda minnha u jekk din hijiex tal-Gvern jghid li huwa ma' dahalx f'hekk pero hija *public throughfare*. Izid li wiehed imbaghad irid jara minn dik il-parti 'il gewwa jekk il-Gvern irregistrax mar-Registru tal-Artijiet.

Izid li minn naha taghhom dik id-dahla mhijiex irregistrata maghhom.

Jghid li t-territorju fejn immarka bl-orangju jikkonfina ma' proprjeta' privata.

**In kontro-ezami**, xehed[40] li l-ahwa Attard ghamlu applikazzjoni fl-2001 tramite perit taghhom sabiex isir kuntratt ta' kera bejnhom u l-Gvern. Jghid li l-istess applikazzjoni kienet akkumpanjata bi pjanta li turi l-konfini tal-proprjeta' li tkun ser tigi mikrija. Izid li l-ftehim ta' kera ghadu mhux iffirmat.

Jezebixxi kopja tal-applikazzjoni u tal-pjanta.[41]

---

[36] A fol 95 u 96.
[37] Traskrizzjoni a fol 113 sa 122.
[38] Ritratt mill-ajru a fol 129.
[39] *Survey sheet* a fol 128.
[40] Traskrizzjoni a fol 122 sa 127.
[41] Applikazzjoni a fol 130 s a133 u pjanta a fol 134.

**L-Inginier Carmel Camilleri**, in rapprezentanza tal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma, xehed[42] li f'Settembru, 2020 ikkomunika maghhom Laurence Attard u nfurmaghhom li xi haddiema tal-Korporazzjoni kienu harrku xi pajp tal-ilma li kien iservi l-proprjeta ta' ommu fuq talba ta' xi hadd li rid jiskava bil-gaffa.

Jghid li l-komunikazzjoni kienet permezz ta' email b'ritratti annessi. Jezebixxi kopji tal-email b'sett ritrtati ta' kif thalla l-pajp wara l-ewwel spustjar[43] u sett ritrtati ta' kif inghadda wara x-xoghol rimedjali.[44]

Jghid li huwa baghat xi haddiema fuq is-sit li sabu li x-xoghol kien sar hazin billi l-pajp ma' giex mirdum izda intelaq jigri mall-art u kien jaqsam quddiem garaxx.

Jghid li dan gie rimedjat mill-haddiema tieghu li difnu l-pajp taht l-art ghal tul il-via.

Jghid li ma' jafx minn talab l-ispustjar tal-pajp originali izda aktarx dan kien is-sid tal-plot biswiet fejn instab il-pajp mitluq ghax dan rid ihammell.

Izid li kemm l-ewwel xoghol, li sar hazin, u kemm dak rimedjali, ilkoll sar mill-haddiema tal-Korporazzjoni.

Izid li ghall-ewwel xoghol il-haddiema aktarx gew diretti mis-sid tal-plot biswiet fejn instab il-pajp mitluq.

**In kontro-ezami**, xehed[45] li l-ewwel xoghol sar hazin ghax lill-haddiema tal-Korporazzjoni iddirigihom is-sid tal-plot biswiet dak fejn insab il-pajp mitluq. Izid li dan qaluhulu l-haddiema tieghu.

**L-Avukat Dr. Angele Formosa**, xehdet[46] li hija familjari mal-inhawi in mertu ghaliex l-atturi jigu minnha.

[42] Traskrizzjoni a fol 142 sa 147.
[43] Email a fol 149 u ritratti a fol 150.
[44] Ritratti a fol 151.
[45] Traskrizzjoni a fol 147 u 148.
[46] Traskrizzjoni a fol 152.

Tghid li d-dar tal-atturi ilha fil-familja billi mhux talli trabbew fiha l-atturi izda anke missierhom.

Tghid li huma ta' sikwiet kienu jkunu fil-fondijiet tal-atturi.

Tghid li kull meta kienu jaslu hemm zijitha dejjem indikatilha l-ghar taht ir-rampa bhala l-ghar fejn kienet tistkenn fil-gwerra. Izzid li l-istess zijitha kienet dejjem tirrakkontha dwar missier l-atturi, Nicholas Attard, u kif kien ikun jistenna lill xi hadd nizel mis-Sellum fejn kien joqghod jitkellem maghhom fejn l-ghar.

Izzid li din id-dar tal-atturi tintlahaq minn *drive in* stante li l-bieb principali taghha m'huwiex mat-triq. Tghid li l-ghar jigi taht id-*drive in*.

**Anna Mifsud**, oht il-konvenut, xehdet permezz ta' affidavit.[47] Tiddikjara li hija ghandha 67 sena u trabbiet fl-inhawi tal-Wied ta' Zejta stante li l-genituri taghha kienu joqghodu fin-numru 8, Triq tas-Sellum, ix-Xaghra, Ghawdex.

Tghid li oltre ghad-dar taghhom, missiera kellu wkoll mandra fuq in-naha tal-Lvant tal-isqaq li fiha kien hemm post qadim bin-numru 4 li kien jintuza bhala dar minn certu Toni Attard, martu, u uliedu. Tghid li din il-mandra bil-post fuqha missierha kien xtraghhom xi 44 sena ilu.

Tghid li Toni Attard kien iz-ziju ta' Nicholas Attard, missier l-atturi ahwa Attard f'din il-kawza.

Tghid li l-post li kien jghix fih Toni Attard ghadu jezisti sallum u huha l-konvenut juzah biex irabbi l-annimali isfel waqt li s-sular ta' fuq ghadu residenzjali.

Tghid li l-mandra bil-post numru 4 fuqha kienu mifruda mill-isqaq aktar lejn il-Punent b'hajt tas-sejjiegh. Tghid li dan il-hajt dejjem ifforma parti mir-raba' taghhom u dejjem hadu hsieb il-manutenzjoni tieghu huma.

[47] Affidavit a fol 157 u 158.

Tghid li bhala parti mill-mandra u mill-post ta' fuqha kien hemm ukoll l-ghar li jestendi kemm taht l-istess mandra kif ukoll taht ir-rampa iktar lejn il-Punent taghha.

Tghid li dan l-ghar dejjem kien fil-pussess ta' missierha sahansitra qabel missiera akkwista l-post b'xiri u dan anke ghaliex missiera kien jiehu hsieb lill-familja ta' Toni Attard. Izzid li wara li miet Toni missiera baqa' jiehu hsieb lill-armla tieghu u lill-ibnu li kellu bzonnijiet specjali.

Tghid li hadd hlief il-familja taghha qatt m'ghamel uzu min dan l-ghar.

Tghid li missiera fl-ghar kien irabbi l-annimali.

Tghid li tiftakar maltempata kbira li hakkmet lill-Ghawdex fl-1964 u garret il-hajt li kien jifred l-ghar mit-triq. Izzid li dak l-istess hajt kien reggha nbena bil-kantun kif ghadu sallum. Tghid li l-kumplament tal-ghar huwa tas-sejjiegh.

Tghid li lill Nicholas Attard, missier l-atturi ahwa Attard, hi tafu sew. Tghid li dan kien ikun kwazi kuljum f'dawk l-inhawi ghax kellu hafna raba' hemm. Tghid li kemm il-darba rahom fl-ghar u qatt m'ghamel xi pretensjonijiet fuqu. Tghid li Nicholas ilu mejjet xi 14-il sena. Izzid li uliedu l-atturi kemm il-darba rawhom fl-ghar kemm ilu mejjet missierhom u anqas huma qatt m'ghamlu pretensjonijiet.

**In kontro-ezami**, xehdet[48] li taht il-mandra hemm l-ghar. Taqbel li l-unika bokka li ghandu l-ghar qieghda ghat-triq u m'hemmx entratura mill-mandra ghal go fih.

Taqbel li fl-1964 waqa' hajt mill-ghar wara maltempata. Izzid li l-hajt li iggarraf radmilhom naghga. Tghid li dakinhar ir-rampa baqghet shiha. Izid li wara hadu vjegg gebel u bnew il-hajt li kien waqa mill-ghar.

**In re-ezami**, xehdet[49] li l-hajt tas-sejjiegh ta' fuq, ta' bejn ir-rampa u l-mandra, waqa' kemm il-darba u regghu bnewh izda tal-ghar darba biss waqa' fl-1964.

---

[48] Traskrizzjoni a fol 231 sa 233.
[49] Traskrizzjoni a fol 233 sa 236.

**Ganni Mifsud**, hu l-konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[50] Jirrepeti l-istess xhieda moghtija minn ohtu Anna Mifsud.

**In kontro-ezami**, xehed[51] li l-isqaq li jirreferi ghalih fl-affidavit tieghu huma jaccedu minnu.

Jaqbel li bejn ir-rampa li taghti ghat-triq u l-mandra taghhom, qabel ghamel ix-xogholijiet huh il-konvenut, dejjem kien hemm hajt tas-sejjiegh. Jghid li dan il-hajt huwa dejjem hemm jafu. Jaqbel ukoll li l-hajt dejjem kien wiehed shih.

Izid li fil-hajt tas-sejjiegh qatt ma' kien hemm aperturi imma kien hemm tarag minn gol-mandra ghal go Triq tas-Sellum.

Jghid li ghajr meta gieli waqa' minnu bil-maltemp u reggha nbena, dan il-hajt dejjem baqa' shih. Jaqbel li fil-hajt qatt ma' kien hemm aperturi.

Jghid li huwa l-ghar dejjem hemm jafu u fih kellhom il-bhejjem. Izid li l-ghar kien taht il-mandra u taht ir-rampa.

Jaqbel li l-unika bokka li ghandu dan l-ghar qieghda ghat-triq. Jaqbel li l-ghar m'ghandux entratura ohra ghal mandra jew ghal x'imkien iehor.

Mistoqsi jekk l-ahhar li kellhom bhejjem f'dan l-ghar kienx meta kien ghadu haj Toni Attard jghid li ma' jahsibx. Jghid li dejjem ma' l-armla ta' Toni mexxew.

Jghid li huma bdew ipoggu l-annimali fl-ghar meta l-armla ta' Toni Attard kienet mizzewwga u kellha l-ulied. Izid li Toni miet zmien ilu.

Jghid li huma bdew ipoggu l-bhejjem fl-ghar ghax f'taghhom ma' kellhomx fejn izommuhom. Izid li mbaghad, meta akkwistaw ir-razzett ta' Toni Attard, bdew izommu l-annimali fir-razzett.

Jaqbel li issa ilu ma' jkollhom annimali fl-ghar.

[50] Affidavit a fol 159 u 160.
[51] Traskrizzjoni a fol 208 sa 220.

**Fortun Mifsud**, hu l-konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[52] Jirrepeti l-istess xhieda moghtija minn ohtu Anna Mifsud.

Izid izda li missieru kien ikkonceda l-mandra bid-dar fuqha u l-ghar lilu u lil huh il-konvenut b'enfitewsi perpetwa b'kuntratt tad-29 ta' Marzu, 1990 in atti Nutar Emanuel George Cefai.

Jghid li b'dan il-kuntratt, flimkien mal-mandra bid-dar fuqha missieru ikkoncedilhom ukoll *l-ghar li hemm taht l-immobbli li qed jigi koncess* ossia; l-ghar li jestendi kemm taht il-mandra kif ukoll taht ir-rampa aktar lejn il-Punent taghha.

Jghid li skond l-att ta' enfitewsi perpetwa missieru kien akkwista l-mandra bid-dar fuqha b'kuntratt tas-27 ta' Dicembru, 1978 ukoll in atti Nutar Emanuel George Cefai.

Jghid li huwa qatt ma' ra' kopja ta' dan il-kuntratt u qatt ma' ipprova jakkwista kopja tieghu.

Jghid li eventwalment huwa biegh sehemu minn dawn il-fondi lil huh il-konvenut. Izid li m'ghandux kopja tal-kuntratt tal-bejgh.

**In kontro-ezami**, xehed[53] li l-post numru 4 huwa dak fejn fis-sular ta' isfel kienu jzommu l-annimali mentri s-sular ta' fuq ghadu abitabbli. Izid li dan il-post jinsab 'il gewwa mir-rampa in mertu. Izid li trid titla ghalih mir-rampa imbaghad tidhol go sqaq. Jghid li dan il-post jibda mit-triq izda parti minnu, dik ta' barra ghal mat-triq, hija l-mandra.

Jghid li l-kuntratt li bih gie akkwistat il-fond numru 4 huwa qatt ma' rah. Izid li l-fond numru 4 kien akkwistah missieru.

Jghid li ma' jafx jekk f'dan il-kuntratt jissemmiex ghar.

Jghid li qabel gie ghandhom l-ghar kien ghand Toni Attard u martu.

[52] Affidavit a fol 161 u 162.
[53] Traskrizzjoni a fol 222 sa 230.

Jaqbel li missieru kien juza l-ghar qabel ma' imbaghad akkwista l-fond numru 4. Izid li dan l-ghar huwa dejjem ghand missieru jafu.

Jghid li huma kienu bdew ipoggu l-bhejjem fl-ghar ghax ma' kellhomx fejn izommuhom. Izid li l-ghar maqsum min-nofs u missieru kellu ziemel f'nofs u naghag fl-iehor. Izid li 48 sena ilu huwa kien diga jinzel jahleb f'dan l-ghar.

Jghid li missieru kien jghidlu l-istejjer inkluz ta' meta waqa' il-hajt fl-1964 u mititilhom naghga.

Jghid li ma' jafx kemm ilhom li qatghu mill-bhejjem go dan l-ghar. Jghid li wara li tellghu l-bhejjem ir-razzett l-ghar bdew izommu l-imbarazz fih kif ghadhom jaghmlu sallum.

Jghid li l-hajt tas-sejjiegh li jifred il-mandra ta' huh minn mir-rampa huwa dejjem hemm jafu. Izid li dejjem tas-sejjiegh kien u qatt ma' kellu aperturi fih.

Jghid li l-ghar gie ghand missieru minghand Toni Attard qabel missieru akkwistah mal-fond numru 4.

Izid li eventwalment dawn il-fondi gew ilkoll ghandu u ghand huh il-konvenut sakemm huwa biegh sehemu lil huh il-konvenut fl-1991.

**Carmelo Mifsud**, il-konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[54] Jirrepeti l-istess xhieda moghtija minn ohtu Anna Mifsud.

Izid izda li l-mandra bid-dar fuqha missieru kien xtrahom b'kuntratt tas-27 ta' Novembru, 1978[55] in atti Nutar Emanuel George Cefai.

Jghid li huwa ghamel hiltu kollha sabiex in-Nutar Cefai jghaddilu kopja ta' dan il-kuntratt izda s'issa ghadu m'ghaddiehulux.

---

[54] Affidavit a fol 167 u 168, b'dokumenti annessi a fol 169 sa 176.

[55] Jirrizulta, skond il-provenjenza fl-att ta' enfitewsi perpetwa, li fil-fatt din id-data ghandha taqra "27 ta' Dicembru, 1978 kif fil-fatt xehed hu l-konvenut, Fortun Mifsud.

Jghid li eventwlament missieru kien ikkonceda din il-mandra bid-dar fuqha lilu u lil huh Fortun b'att ta' enfitewsi perpetwa tad-29 ta' Marzu, 1990 ukoll in atti Nutar Emanuel George Cefai.

Jezebixxi kopja ta' dan l-att ta' enfitewsi perpetwa u n-nota tal-insinwa tieghu.[56]

Izid li l-att ta' enfitewsi kien gie korrett b'att iehor tat-12 ta' Awwissu, 1991 ukoll in atti Nutar Emanuel George Cefai li pero ma' rnexxilux jakkwista kopja tieghu. Jezebixxi izda kopja tan-nota tal-insinwa relattiva.[57]

Jghid li fl-att ta' enfitewsi, flimkien mal-mandra bid-dar fuqha missieru kien ikkonceda lilu u lil huh Fortun *l-ghar li hemm taht l-immobbli li qed jigi koncess*. Jghid li dan huwa l-ghar li jestendi minn taht il-mandra ghal-taht ir-rampa fuq il-Punent taghha.

Izid li hu u huh Fortun kien fdew ic-cens perpetwu bic-cedola ta' depozitu numru 205/1999 tat-13 ta' Awwissu, 1999. Jezebixxi kopja tac-cedola.[58]

Jghid li aktar tard huwa kien xtara sehem huh Fortun bl-att ta' akkwist tat-12 ta' Awwissu, 1991 in atti Nutar Emanuel George Cefai. Jezebixxi kopja ta' dan l-att.[59] Izid li anke f'dan l-att jissemma *l-ghar sottostanti in parti l-istess mandra*.

Jiddikjara li l-ghar dejjem fil-pussess ta' missieru jafu, sahansitra qabel missieru akkwista dawn il-fondi b'xiri, u dan ghaliex missieru kien jiehu hsieb lill-familja ta' Toni Attard li kienu jghix fihom.

Jghid li tul iz-zmien kollu li l-ghar ilu fil-pussess tal-familja tieghu qatt hadd ma' tellifhom mill-istess pussess, u anqas hadd tellifhom fil-pussess tal-mandra u tal-hajt li jifridha mir-rampa.

Jghid li r-rampa dejjem l-istess jafha u minnha ilhom jidhlu mindu kienu tfal.

[56] Kopja a fol 169 sa 170, nota tal-insinwa a fol 171.
[57] Kopja ta' nota tal-insinwa a fol 172.
[58] Kopja tac-cedola a fol 173.
[59] Kopja tal-att ta' akkwist a fol 174 u 175.

**In kontro-ezami**, xehed[60] li l-post li fl-affidavit jghid li jaf sew huwa dak numru 4, li huwa tieghu.

Jaqbel li l-mandra taghhom kienet mifruda mir-rampa lejn il-Punent taghha permezz ta' hajt tas-sejjiegh. Jaqbel ukoll li dan il-hajt kien wiehed shih, maghluq kollu. Jghid izda li kellhom bir fejn illum hemm il-garaxx.

Jghid li huma r-rampa juzawha biex jidhlu ghal-bini iehor li ghandhom aktar 'il gewwa.

Jghid li fil-hajt kellhom ukoll tarag li jaghti mit-triq ghal gol-mandra. Jghid li dan illum waqa' ghax hammlu.

Muri ritratti fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 56/2020 jghid li dak juri l-hajt mertu ta' din il-kawza. Mistoqsi fejn f'dan il-hajt kien it-tarag jghid li minn hemm kienu jitilghu ghal gol-mandra.

Mistoqsi jekk it-tarag kienx fil-fatt ma' bini iehor, jghid li le, ma' kienx mal-bini ta' Sunta.

Jghid li apparti t-tarag il-hajt kien shih u kien tas-sejjiegh. Jghid li jahseb li l-hajt kien xi pied u nofs wisgha.

Mistoqsi jekk il-hajt tas-sejjiegh jifridtx il-proprjeta' tieghu minn dik tal-atturi jghid li jifred il-proprjeta' tieghu mir-rampa ossia triq li ilhom jghaddu minnha mitt sena.

Jichad li r-rampa hija proprjeta' ta' Attard.

Mistoqsi jekk jaqbilx li l-atturi ghandhom garaxx u parapet ghal fuq din ir-rampa jghid li l-garaxx ma' kienx hemm imma fethu missierhom. Jghid li hemm bieb kien hemm.

Jghid li huma m'oggezzjonawx meta missier l-atturi fetah il-garaxx.

Mistoqsi jekk gjaladarba jghid li r-rampa mhijiex tal-atturi, jaqbilx li anqas hija tieghu, jghid li r-rampa hija ta' kulhadd.

[60] Traskrizzjoni a fol 182 sa 206.

Mistoqsi kif jghid li r-rampa hija ta' kullhadd jghid li ghax dik hija triq.

Mistoqsi mill-Qorti jekk ir-rampa hijiex qiegdha fejn xi darba kien hemm triq jghid li minn dejjem rampa kienet.

Mistoqsi jaqbilx li fir-rampa huma l-atturi biss li jipparkjaw il-karozzi taghhom u jekk huwa jipparkjawx hemm jghid li ma' tistax tipparkja hemm ghax dejjem hemm il-karozzi tal-atturi. Jghid li l-karozzi mhux suppost jithallew hemm tant li huwa gieli lanqas ikun jista jghaddi.

Jaqbel li l-atturi ilhom jipparkjaw hemm mindu missierhom fetah il-garaxx. Izid li huwa qatt ma' kellem lill-atturi dwar li jipparkjaw il-karozzi taghhom hemm.

Jghid li d-dritt ta' passagg tieghu huwa bir-rigel. Izid li inti titla fejn il-garaxx tal-atturi imbaghad tghaddi bejn il-bini fejn m'hemmx wisgha u ghalhekk bilfors bir-rigel tghaddi.

Mistoqsi semghax lir-rapprezentant tal-Gvern jixhed li l-unika parti li hija tal-Gvern hija Triq tas-Sellum u mhux ukoll ir-rampa jghid li imma r-rampa anqas hi tal-atturi.

Mistoqsi dwar il-kuntratt tas-27 ta' Dicembru, 1978 li bih jghidu li akkwista l-mandra bid-dar fuqha missieru u li ma' setghux jottjenu kopja tieghu u kif ma' prezentwx ghalmenu l-insinwa tieghu, jghid li n-Nutar Cefai kullhadd jaf kif inhu.

Jghid li huma ghal-mandra kienu jaccedu permezz ta tarag mit-triq mentri ghal-post fuqha kienu jaccedu mill-isqaq.

Jghid li l-ghar ilu ghand familtu 'l fuq minn 70 sena. Izid li dejjem missieru kien hemm go fih.

Jghid li fl-1964 meta ghamlet il-maltempata kerha li hakmet lil Ghawdex fl-ghar kellhom l-annimali tant li mietitilhom moghza taht it-tigrif.

Jghid li qabel missieru akkwista il-proprjeta' li tinkludi l-ghar huma kienu juzaw l-istess sabiex irabbu l-bhejjem ghax f'taghhom ma'

kellhomx spazju. Jghid li Toni Attard li kien joqghod fid-dar fuq ma′ kellux x′jaqsam. Jghid li kienet mart Toni li halliethom juzaw l-ghar.

Jghid li hu lil Toni Attard ftit jiftakru.

Jghid li huma bl-annimali fl-ghar m′ilhomx neqsin ghax nannuh kien ghadu jzomm l-annimali fih. Jghid li bl-annimali forsi ilhom neqsin 10 snin izda illum l-ghar juzawh ghall-imbarazz.

Jghid li missier l-atturi kien talab l-ghar lill-armla ta′ Toni Attard izda din qaltlu hemm taghha u ma′ regghax talabulha.

**In re-ezami**, xehed[61] li l-vetturi tal-atturi li jitpoggew fir-rampa jintuzaw fit-triq, mhux wieqfa fir-rampa. Jghid li meta jithallew hemm lilhom itellfuhom.

**In kontinwazzjoni tal-kontro-ezami**, xehed[62] li huwa jghid li missieru akkwista l-mandra bil-hajt tas-sejjiegh bejnha u bejn ir-rampa kif ukoll l-ghar bil-kuntartt tal-1978. Jaqbel li imbaghad missieru ghaddha l-istess proprjeta′ lilu u lil huh Fortun b′cens sakemm imbaghad Fortun bieghlu sehemu.

Mistoqsi jekk hux minnu li l-ghar la huwa msemmi fl-att tal-1978 u anqas fl-ewwel att li sar minnu u huh ma′ missieru izda huwa msemmi biss fil-korrezzjoni ta tali att li sar bejnhu, huh, u missieru jghid li mhux minnu.

Jghid li l-ghar dejjem f′id l-armla ta′ Toni Attard kien.

Mistoqsi kif allura fl-1978 missieru akkwista mill-Knisja jghid li ghax l-armla ta′ Toni kera biss kellha.

Jaqbel li l-mandra li tissemma fl-att tal-1978 hija dik in kwistjoni li kienet imdawwra bil-hajt tas-sejjiegh.

Mistoqsi ghalfejn fil-kuntratt tal-1991 li sar bejnhu u bejn huh Fortun in-Nutar iddikjara li ma′ tqabbadx jaghmel ricerki jghid li ma′ kellux

[61] Traskrizzjoni a fol 206 u 207.
[62] Traskrizzjoni a fol 267 sa 273.

ghalfejn ghax il-post kien diga ghand familtu wara l-akkwist minn missieru.

**Il-Qorti rat ukoll il-verbal tal-access mizmum minnha nhar l-24 ta' Marzu, 2023.**[63]

Waqt l-access;

*Dwar l-ghar*:

i. Xehed l-attur Laurence Attard dwar safejn kien iwassal l-ghar, skavar li sar, u turgien li kienu jezistu. Dwar il-laned mitfughin fl-art jghid li dawn dejjem jafhom hemm u jiftakar lill missieru jibghathom jigbru minnhom ghall-ghalf tal-bhejjem. Zid jghid li jidher car li t-tqattiegh fl-ghar sar recenti meta l-konvenut hammell u halla toqba.

ii. L-avukat difensur tal-konvenut sostna li l-konkos prezenti minnu nfih juri li huwa antik u ilu hemm mhux sar recenti. Zid jghid li l-laned xehed dwarhom il-konvenut u qal li dawk ilhom hemm. Zid ukoll li l-ghar ilu fil-pussess tal-klijent tieghu u ta' familtu qablu. Sostna li l-ghar kien ghand missier il-konvenut, ghaddha ghand il-konvenut u huh Fortun b'cens, imbaghad ghaddha ghand il-konvenut wahdu.

iii. L-avukat difensur tal-atturi sostniet li l-atturi wrew il-provenjenza tal-proprjeta' taghhom fejn zijithom, oht missierhom, akkwistat minghand hutha nkluz missier l-atturi imbaghad regghet bieghet lill missier l-atturi ahwa Attard. Zidet tghid li dawk it-trasferimenti nkludew ukoll l-ghar.

Il-Qorti osservat li fejn l-atturi jghidu li kien hajt dritt u kontinwu tidher koxxa dritta.

Dwar dan, l-attur Laurence Attard qal li dak il-bieb infetah wara. L-avukat difensur tal-atturi izzid li jidher li saru tentattivi ohra ta' tqattiegh qabel fejn osservat koxxa dritta l-Qorti. Izzid ukoll li tali tqattiegh sehh

[63] Verbal a fol 249 sa 261.

fiz-zmien li ghamlu l-mandat ta' inibizzjoni tant li meta dahlu access fil-proceduri tal-mandat ta' inibizzjoni t-toqba osservata minn din il-Qorti ma' kienitx hemm.

Il-konvenut jinsisti li dik it-toqba kienet diga hemm.

*Dwar ir-rampa:*

Il-konvenut jinsisti li dik ta' kulhadd u li huwa dejjem acceda minnha. Izid li l-garaxx fit-tarf ta' fuq tar-rampa ma' kienx hemm u fethuh l-atturi.

B'referenza ghal dak li kien il-hajt tas-sejjiegh bejn ir-rampa u l-mandra tal-konvenut, l-avukat difensur tal-atturi tghid li l-hajt tas-sejjiegh inqala. Izzid li l-hajt kien shih. Izzid li l-kawza hija proprju dwar il-fatt li l-konvenut bidel il-hajt tas-sejjiegh ghal wiehed tal-kantun u ha wkoll il-wisgha tal-hajt tas-sejjiegh favur tieghu billi bena l-hajt tal-kantun fuq barra ta' fejn kien dak tas-sejjiegh mhux fil-linja tan-nofs tieghu. Izzid li f'dan l-istess hajt il-konvenut introduca apertura li qabel ma' kienitx hemm. Izzid li l-atturi m'ghandhomx kontestazzjoni li l-konvenut ghandu dritt ta' passagg izda tali dritt ta' passagg ma' jagthix dritt ta' proprjeta'.

L-avukat difensur tal-konvenut jghid li d-dritt ta' passagg huwa favur il-konvenut u terzi, jibda mir-rampa u jkompli ghal-passagg dejjaq bejn il-bini. Izid allura li kemm il-passagg dejjaq fuq net tar-rampa kif ukoll ir-rampa zgur mhumiex proprjeta' tal-atturi izda huma komuni. Izid li kieku ma' kienx hekk u kieku tassew l-atturi kellhom remissa kif jallegaw li kellhom kienu jergghu jibnu r-remissa kif kienet mhux hallewh vojt.

Dwar il-hxuna originali tal-hajt tas-sejjiegh, l-avukat difensur tal-konvenut jghid li ma' jafx din x'kienet u ma' jistax jikkummenta. Izid izda li ladarba r-rampa hija komuni l-konvenut ghandu dritt jiftah apertura fuqha. Izid li jekk ghal grazzja tal-argument l-atturi tassew kellhom remissa kif jghidu li kellhom, xorta kien hemm il-passagg, izda kien idjeq kif ikompli aktar 'il fuq, fit-tarf gholi tar-rampa.

L-attur Laurence Attard juri lill-Qorti safejn kienet tasal ir-remissa u l-avukat difensur tal-konvenut jaqbel li allura kienet tasal kif spjega hu, fejn allura, dejjem kien hemm passagg izda kien idjeq, b'dan li jekk tassew kien hemm remissa u tnehhiet, il-passagg li kien hemm qabel,

f'dik il-parti fejn tnehhiet ir-remissa gie nkorporat fil-kumplament tar-rampa.

L-avukat difensur tal-atturi, dwar il-proprjeta' li l-konvenut jghid li akkwistaw minghand l-armla ta' Toni Attard, tghid li din l-armla kienet fil-fatt tigi minn missier l-atturi. Izzid ghalhekk li jidher allura li f'xi zmien it-territorju kollu kien tal-ahwa u saret xi divizzjoni izda fir-ricerka ma' marrux daqshekk lura. Hawnhekk tirreferi ghas-*survey* tal-Perit Saviour Micallef li b'referenza ghal-kejl akkwistat minn missier l-atturi ahwa Attard wera kif kienet il-konfigurazzjoni tal-art tal-atturi.

L-avukat difensur tal-atturi tinsisti li dritt ta' moghdija ma' jaghtix titolu ta' proprjeta'.

L-avukat difensur tal-konvenut jinsisti li l-atturi stess qed jaqblu li minn metru u nofs cirka lill'hemm mill-hajt li kien tas-sejjiegh u huwa issa tal-kantun dejjem kien destinat bhala passagg.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din il-kawza l-atturi talbu dikjarazzjoni li hajt tas-sejjiegh li kien hemm bejn rampa taghti ghal Triq tas-Sellum, ix-Xaghra, Ghawdex, u mandra tal-konvenut huwa hajt komuni u divizorju li jifred l-imsemmija mandra tal-konvenut minn proprjeta' tal-atturi. Izidu li l-istess hajt dejjem kien wiehed tas-sejjiegh u minghajr aperturi fih.

Talbu ghalhekk sabiex il-konvenut jigi ordnat jirripristina l-istess hajt ghall-istat li kien fih qabel interventi li saru minnu, inkluz fil-wisgha tieghu u fuq il-linja divizorja originali u sabiex, fin-nuqqas, ikunu huma awtorizzati jaghmlu hekk a spejjez tieghu.

Oltre minn hekk, talbu wkoll sabiex ghar li jinsab taht l-imsemmija rampa jigi dikjarat bhala proprjeta' taghhom b'ordni sabiex il-konvenut jizgombra minnu u jirripristina l-istess ghall-istat li kien fih qabel ix-xogholijiet intraprizi minnu.

Il-konvenut laqgha ghal dan billi qal li t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante li l-atturi m'ghandhom ebda sehem mil-hajt tas-sejjiegh li kien jinsab bejn il-proprjeta', ossia mandra, tieghu u r-rampa msemmija minnhom. Zied jghid li dan peress li, skontu, l-istess rampa hija fil-fatt triq pubblika. Oltre minn hekk, eccepixxa wkoll li tali hajt dejjem kien kompriz fil-mandra tieghu fl-intier tieghu.

Dwar l-ghar, il-konvenut eccepixxa li dan kien dejjem u unikament fil-pussess tieghu u tal-familjari tieghu qablu u qatt ma' kien fil-pussess tal-atturi jew jifforma parti mill-proprjeta' tal-atturi.

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

***Dwar l-ghar*:**

Kemm l-atturi kif ukoll il-konvenut jikkontendu li l-ghar mertu ta' din il-vertenza kien taghhom sa' minn zmien twil ilu billi gie trasferit fit-titolu bejn diversi membri tal-familji rispettivi taghhom.

L-atturi ahwa Attard jghidu li dan l-ghar beda ghand il-genituri ta' missierhom Nicholas Attard, ghaddha ghand missierhom u hutu kollha b'wirt, gie assenjat lill oht missierhom Giuseppa Attard minn missierhom flimkien mal-kumplament ta' huthom sakemm imbaghad l-istess Giuseppa Attard regghet trasferitu favur missierhom u dan; flimkien mall-assjem tal-bini numru tnejn (2), Triq tas-Sellum, ix-Xaghra, Ghawdex, li ghadu sa issa appartenenti u fil-pussess taghhom u li fih ghadha tghix ommhom, l-attrici Victoria Attard, u diversi minnhom.

Bi prova ta' dan jixhdu diversi mill-atturi u jressqu wkoll il-kuntratti ta' provenjenza – annessi mar-rikors guramentat taghhom[64] - li jikkomprendu s-segwenti:

i. Kuntratt tat-28 ta' Jannar 1961 in atti Nutar John Busuttil li bih Felicia mart Michaelangelo Attard, Emmanuela mart Giuseppe Attard, Carmela mart Eukaristiku Bajada, u Marianna xebba Attard, George Attard, u Nicholas Attard, ahwa germani Attard, ulied il-mejtin Giuseppe u Rosa nee' Camilleri bieghu u trasferew

[64] Kuntratti a fol 6 sa 19 – inkluz in verso pagina.

lill Giuseppa Attard, xebba, ohthom ukoll bint Giuseppe u Rosa nee' Camilleri:

*Sitta minn sebgha parti (6/7) mhux maqsuma tal-lok ta' djar li jinsab Ghawdex, ix-Xaghra, Triq Sellum, numri wiehed u tnejn, b'mandretta mieghu annessa, tal-kejl ta' cirka nofs siegh, bli fiha, soggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta' tmien soldi u nofs.*[65]

ii. Kuntratt tat-8 ta' Ottubru, 1961 in atti Nutar John Busuttil li bih Giuseppa xebba Attard, bint il-mejtin Giuseppe u Rosa nee' Camilleri trasferit lill Nicholas Attard:

*Il-lok ta' djar li jinsab Ghawdex, ix-Xaghra, Triq Sellum, numri wiehed u tnejn b'mandra mieghu annessa tal-kejl ta' cirka nofs siegh, bli fiha, soggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta' tmien soldi u nofs.*[66]

iii. Kuntratt ta' dikjarazzjoni *causa mortis* tal-24 ta' Settembru, 2008 in atti Nutar Enzo Dimech li bih, l-atturi lkoll, ahwa germani Attard u ommhom Victoria Attard, iddikjaraw il-mewt ta' missierhom Nicholas Attard, iben il-mejtin Joseph u Rosa nee' Camilleri, fl-10 ta' April, 2008 u nisslu, bhala wahda mill-proprjetajiet fl-assi ereditarji tieghu:

*Id-dar bin-numru tnejn (2), Triq is-Sellum, Xaghra, Ghawdex.* [67]

Sabiex jipprovaw li ma' dan il-lok ta' djar fi Triq tas-Sellum, ix-Xaghra, Ghawdex, kien tassew kompriz ukoll l-ghar suggett ghal din l-istanza l-atturi jghidu li l-lok ta' djar gieli kien deskritt bhala lok bin-numru tnejn (2) u gieli bhala lok bin numri wiehed (1) u tnejn (2).

Izidu li dan fil-fatt kien ghaliex filwaqt li d-dar principali li tinsab f'tarf ir-rampa wkoll suggetta ghal dawn il-proceduri dejjem kienet iggib in-numru tnejn (2), l-ghar taht l-istess rampa kien komunament maghruf bin-numru wiehed (1).

L-atturi ahwa Attard ikomplu jghidu li fil-fatt, qabel, id-dar li tinsab fuq ir-rampa u li bhalissa hija abitata minn ommhom u whud minnhom,

[65] L-ewwel paragrafu fil-pagna tal-kuntratt in verso pagina tal-fol 17.
[66] Ref.: l-ahhar paragrafu fil-pagna tal-kuntratt a fol 11.
[67] Ref.: paragrafu 10 fil-pagna tal-kuntratt ta' dikjarazzjoni *causa mortis* li tinsab a fol 8.

kellha biss bieb wiehed b'dak li huwa issa l-bieb tal-garaxx taghhom kien hemm remissa minfloku.

Izidu jixhdu li tant dan huwa minnu li anke fir-registru elettorali, li jipprezentaw kopji mehuda mill-verzjonijiet tieghu tas-snin 1946 u 1952, filwaqt li l-fond numru tnejn (2) li dejjem kien dar ta' abitazzjoni, jirrizulta abitat; dak numru wiehed (1) li kien l-ghar mhux destinat ghall-abitazzjoni ma' jidhirx peress li fih ma' kien jghix hadd.[68]

L-atturi jressqu wkoll xi xhieda ulterjuri, inkluz l-avukat difensur taghhom li tigi wkoll minnhom mil-boghod, li tixhed li hija tiftakar lill zijitha spiss tirrakkontala stejjer dwar missier l-atturi ahwa Attard, Nicholas Attard, u kif dan kien ikun fl-ghar u kif anke gieli wtilizzaw l-ghar sabiex jistkennu fi zmien il-gwerra.

Da parti tieghu, il-konvenut jinsisti li dan l-ghar ilu tul ta' zmien f'idejh, f'idejh flimkien ma' huh Fortun Mifsud qabel dan, u addirittura f'idejn missieru, Nazzareno Mifsud, qabel dan kollu.

L-istess jaghmlu hutu li lkoll xehedu permezz ta' affidavit u in kontro-ezami u sahqu li l-ghar dejjem kien f'idejn familthom ibda minn missierhom u li dan kien f'idejn missierhom addirittura qabel missierhom akkwistah flimkien ma' korp bini b'mandra mieghu biswit il-proprjeta' tal-atturi numru tnejn (2), Triq tas-Sellum, ix-Xaghra, Gahwdex.

Infatti, il-konvenut u x-xhieda hutu mressqa minnu lkoll jinsistu li missierhom akkwista d-dar numru erbgha (4) Triq tas-Sellum, ix-Xaghra, Ghawdex, b'mandra maghha u bl-ghar in parte taht l-istess mandra u in parte taht ir-rampa wkoll suggetta ghal dawn il-proceduri wara li dan l-ghar kien diga f'idejh waqt li kien ghadu mikri ghand certu Toni Attard u martu.

Il-pozizzjoni tal-konvenut hija, fil-fatt, li missieru kien jutilizza dan l-ghar bil-benedizzjoni ta' Toni Attard u wara li miet dan l-istess, tal-armla tieghu, waqt li din il-familja Attard kellha dan l-ghar f'idejha b'titolu ta' kera flimkien mad-dar numru erbgha (4) bil-mandra maghha u dan; sa

---

[68] Ref estratti tar-registri elettorali ghas-snin 1946 u 1952 a fol 53 sa 56 fejn "Triq tas-Sellum" hija mnissla bhala *"Steep Street"* – isem ulterjuri li bih hija maghrufa l-istess triq kif anke jirrikonoxxui l-konvenut u hutu fl-affidavits taghhom ilkoll, ilkoll in atti.

minn qabel missieru eventwalment akkwista l-assjem ta' din l-istess proprjeta'.

Bi prova ta' dan, il-konvenut, oltre ghax-xhieda tieghu u ta' hutu, jipprezenta s-segwenti atti:

i. Nota ta' insinwa dwar kuntratt ta' bejgh tas-27 ta' Dicembru, 1978 li bih, mid-data tal-istess att il-quddiem, il-Kummissjoni Provenzjali tal-Legati tal-Kunventi tal-Patrijiet Minuri bieghet lill Nazzareno Mifsud, bidwi, bin il-mejtin Ganni u Domenica nee' Mercieca:

   *il-lok ta' djar bin-numru erbgha (4), Triq is-Sellum ossija Steep Street, Xaghra, Ghawdex, b'gardina quddiemu u li tmiss mieghu minn naha tax-Xlokk, tal-kejl ta' cirka mija u hamsin metru kwadru (150m.k.), liberu u frank minn kull piz u servitu, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu, "tale e quale" kif inhu llum, bil-prezz ta' tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm850).*[69]

ii. Kuntratt tad-29 ta' Marzu, 1990 in atti Nutar Emanuel George Cefai li bih, Nazzareno Mifsud, bin il-mejtin Giovanni u Domenica nee' Mercieca, flimkien ma' martu Maddalena Mifsud nee' Farrugia, ikkoncedew b'titolu ta' enfitewsi perpetwa favur il-konvenut u huh Fortun Mifsud:

   *[i]d-dar adebita ghal bhejjem, li tinsab fin-numru erbgha (4) ta' Triq Sellum, Xaghra, Ghawdex, bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha, inkluza f'din il-koncessjoni l-ghar li hemm taht l-immobbli.*[70]

iii. Kuntratt tat-12 ta' Awwissu, 1991 in atti Nutar Emanuel George Cefai li bih Fortun Mifsud biegh u trasferixxa favur huh il-konvenut Carmelo Mifsud:

   *In-nofs (1/2) indiviz ta' l-utili dominju perpetwu tad-dar adebita ghall bhejjem u li tinsab fin-numru erbgha (4) ta' Triq Sellum, Xaghra,*

---

[69] Ref.: kopja tan-nota ta' insinwa a fol 265.

[70] Ref.: il-paragrafu ta' qabel tal-ahhar fil-pagna tal-kuntratt a fol 169. Ref. ukoll in-nota ta' insinwa tal-istess kuntratt li taghti l-istess deskrizzjoni tal-proprjeta' – a fol 171. Ref. ukoll in-nota ta' insinwa ta' korrezzjoni li sarte ghall-istess kuntratt limitatament ghgal fatt li l-ghar jinsab biss *in parte* taht il-mandra koncessa in nefitewsi perpetwa u giet ukoll inkluza l-mandra tal-kejl ta' cirka 150m.k. li hemm quddiem id-dar numru 4 – nota ta' insinwa a fol 172.

*Ghawdex, bil-mandra ta' quddiemha li hija tal-kejl ta' madwar mija u hamsin metru kwadru (150m.k.) bl-ghar sottostanti in parti l-istess mandra u kollox soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' sittin lira Maltija (Lm60).*[71]

Mill-assjem ta' dawn il-provi dwar il-provenjenza u trasferiment tal-ghar, din il-Qorti ma' tistax ma' tosservax li filwaqt li l-konvenut ressaq provi ta' certu kalibru dwar kemm ilu jissemma bhala taghhom l-ghar in mertu, u dan f'atti ufficcjali u pubblici li ma' gewx kontradetti mill-atturi, l-atturi strahu kemmxejn fuq provi pjuttost cirkostanzjali sabiex jipprovaw it-tezi taghhom li fil-fatt dan l-ghar kien f'idejhom u f'idejn familjari taghhom qabilhom u mhux f'idejn il-konvenut u familjari tieghu sa' minn ghalmenu z-zmien li missieru akkwistah b'mod formali mil-poter tal-Kummissjoni Provenzjali tal-Legati tal-Kunventi tal-Patrijiet Minuri permezz tal-kuntratt ta' bejgh tas-27 ta' Dicembru, 1978 in atti Nutar Emanuel George Cefai.

Il-konvenut, fil-fatt, ma' strahx biss fuq il-kelma tieghu dwar il-pussess kontinwu ta' dan l-ghar minn missieru, minnu u min huh Fortun wara missierhom, u minnu wahdu wara dan. Ressaq izda id-diversi kuntratti surreferiti li lkoll isemmu ghar u jaghtu deskrizzjoni tal-istess, bhala sit fejn hu sitwat, li tikkumbacja mal-kumplament tax-xhieda moghtija f'dawn il-proceduri kif ukoll setghet tosserva din il-Qorti stess dakinhar tal-access mizmum minnha.

Minn naha taghhom, l-atturi jghidu hafna li dan l-ghar kien f'idejn familthom izda jonqsu milli jressqu prova konvincenti dwar dan.

L-atturi jammettu wkoll li kien hemm xi zmien fejn l-ghar kien f'idejn missier il-konvenut izda jghidu li dan kien meta missierhom kien imsiefer u bi pjacir da parti ta' missierhom lejn il-familja tal-konvenut.

Da parti tieghu, il-konvenut, kif anke hutu, jghidu li jekk xi darba dan l-ghar kien f'idejn missierhom biss bi pjacir dan ma' kienx bi pjacir ta' missier l-atturi izda b'dak ta' Toni Attard jew l-armla tieghu li jirrizulta li tigi wkoll mil-familja tal-atturi – kwistjoni li din il-Qorti tista tqies li

---

[71] Ref.: paragrafu lejn nofs il-pagna tal-kuntratt liema pagna tinsba a fol 174. Ic-cens hanw imsemmi gie debitament mifdi bic-cedola numru 205/99 tat-13 ta' Awwissu, 1999 in atti a fol 173 fejn ukoll jissemma dan l-ghar.

facilment holqot xi tip ta' konfuzjoni f'mohh l-atturi dwar minn tassew kien sid jew pussessur ta' dan l-ghar.

Il-Qorti ma' tistax anqas ma' tosservax li filwaqt li kif diga inghad, l-atti kollha sottomessi mil-konvenut bi prova tad-drittijiet tieghu fuq dan l-ghar, ghajr dak tal-akkwist da parti ta' missieru tal-1978, fil-fatt isemmu dan l-ghar, ebda att minn dawk tal-atturi ma' jsemmu xi ghar.

L-atturi jaghmlu certa emfazi fil-kontro-ezami taghhom tal-konvenut dwar il-fatt li l-att ta' akkwist ta' missieru tal-1978 ma' jsemmix dan l-ghar. Izda b'dak l-argoment, hemm atti ulterjuri li juru dan l-ghar bhala appartenenti lill-konvenut u familtu qablu mentri ebda att sottomess ghal-ezami ta' din il-Qorti mill-atturi ma' jirreferi ghal dan l-ghar bhala possedut mill-atturi jew familthom qabilhom.

Il-Qorti tosserva wkoll, b'certu kuxjenza u thassib, li l-atturi naqqsu wkoll f'li jressqu kwalunkwe' prova dwar dak li jsemmi l-attur Joseph Attard, ossia l-ezistenza ta' sistema idrawlika fl-ghar intiza sabiex ikun evitat l-gharghar tad-dar tal-atturi numru tnejn (2), Triq tas-Sellum, ix-Xaghra, billi jekk jimtela l-bir fl-istess dar, tali sistema tagixxi ta' *overflow* mil-bir ghat-triq.

Ma' tressqu ebda ritratti juru din is-sistema allegata minn dan l-attur u anqas ma ngibdet l-attenzjoni tal-Qorti ghalija dakinhar tal-access.

Mhux ghax necessarjament l-ezistenza ta' tali sistema kienet ser ixxaqleb il-hsieb tal-Qorti favur it-tezi tal-atturi izda certament kienet tkun timmerita certi kunsiderazzjonijiet.

Similarlment, il-Qorti tosserva wkoll li kien biss fl-istadju matur tal-access li zammet din il-Qorti fuq is-sit in mertu li l-atturi semmew il-possibilta' li l-proprjeta' taghhom u dik tal-konvenut setghu xi darba kienu direvanti minn antenati awturi taghhom membri tal-istess familja li f'xi zmien qasmu bejniethom.

Anke dwar dan ma' tressqu ebda provi. B'dan izda ma' jnaqqas xejn mill-provi konkludenti dwar dak li l-awtur tal-konvenut, missieru Nazzareno Mifsud, akkwista minghand il-Kummissjoni Provenzjali tal-Legati tal-Kunventi tal-Patrijiet Minuri permezz tal-kuntratt ta' bejgh tas-27 ta' Dicembru, 1978 in atti Nutar Emanuel George Cefai.

B'dan li allura, dwar dan il-mertu, din il-Qorti rinfaccjata b'pozizzjonijiet ghal kollox kunfliggenti bejn il-partijiet kontendenti, ser tapplika wkoll il-principji enuncjati, *inter alia*, fid-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet ***George Bugeja vs Joseph Meilak,***[72] fejn gie ritenut:

> *Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*[73]

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, u fil-kaz in mertu, rinfaccjata b'sitwazzjoni ta' zewg verzjonijiet kontrastanti li necessarjament tirriduci ruhha f'kwistjoni ta' kredibilita' u verosimiljanza tal-verzjonijiet moghtija u, munita wkoll bis-sahha ta' dak dikjarat fl-atti nutarili maghmulha disponibbli ghall-ezami taghha; din il-Qorti ma' tistax ma' ssibx aktar kredibbli t-tezi tal-konvenut dwar l-ghar in mertu.

***Dwar ir-rampa:***

Din ir-rampa giet identifikata b'diversi ritratti u pjanti in atti kif ukoll waqt l-access mizmum minn din il-Qorti fit-territorju fejn tinsab u hija fil-fatt dik li tigi fuq l-ghar diga kkunsidrat hawn aktar 'il fuq u li tizbokka fi Triq tas-Sellum, ix-Xaghra, Ghawdex.

Hawnhekk, l-atturi jghidu li din hija taghhom in piena proprjeta' ghalkemm jikkoncedu li l-konvenut u anke terzi ghandhom dritt ta' passagg bir-rigel minn fuqha stante li ghandhom proprjeta' accessibbli minnha, anke jekk izidu jghidu li ghalmenu l-proprjeta' tal-konvenut hija accessibbli wkoll minn banda ohra.

---

[72] Citazzjoni Numru. 462/2002/1.

[73] Ref. ukoll; Appell Civili Numru. 152/1999/2; decizjoni moghtija nhar is-27 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet ***Angelo Sant et vs Paul Sant et***.

Da parti tieghu, il-konvenut jinsisti li din ir-rampa m'hijiex tal-atturi izda hija triq pubblika u ghalhekk proprjeta' pubblika accessibbli ghal kulhadd. Izid li l-atturi m'ghandhom ebda dritt fuqha ad eskluzjoni tieghu u ma' jistghux anqas iwaqqfuh milli jiftah aperturi jaghtu ghal fuqha kif jidher li huwa ntiz li jaghmel anke minn dak li osservat il-Qorti waqt l-access taghha fejn, ghalkemm ghad m'hemm ebda aperturi pjenament iffurmati, jidher li thalla mezz li tinfetah apertura.[74]

Din il-Qorti tibda sabiex immedjatament tosserva li kuntrarjament ghal dak allegat mil-konvenut; mill-assjem tal-provi in atti ma' jirizultax a sodisfazzjon taghha li din ir-rampa hija fil-fatt proprjeta' tal-Gvern u allura pubblika jew addirittura triq pubblika.

Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza shiha ghax-xhieda moghtija minn Martin Bajada in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Artijiet, li xehed dwar liema territorji fl-inhawi huma fil-fatt tal-Gvern.

Minn din ix-xhieda, irrizulta car li r-rampa in mertu mhijiex wahda minn dawk it-territorji u hija fil-fatt eskluza miz-zona indikata minn dan ix-xhud bil-kulur orangju fuq ritratt mehud mill-ajru li juri l-proprjeta' tal-Gvern fl-inhawi.[75]

Huwa minnu li dan ix-xhud izid jghid li tali rampa tidher li hija *public throughfare*. Izda l-istess izid ukoll li wiehed ikun irid jara jekk il-Gvern irregistrax l-istess mar-Registru tal-Artijiet. Kwistjoni li ccara x-xhud Andrew Vella in rapprezentanza tal-istess Registru tal-Artijiet li bl-ezibizzjoni ta' pjanta fejn immarka liem'hi dik l-art irregistrata f'isem il-Gvern fl-inhawi in mertu wera li tali rampa giet hekk ukoll eskluza.[76]

Dwar imbaghad jekk l-istess rampa hijiex interament proprjeta' privata tal-atturi, stante li l-konvenut ma' jghidx li din hija tieghu izda jinsisti li anqas hija tal-atturi izda hija tal-pubbliku; din il-Qorti tosserva li meta l-atturi applikaw sabiex jottjenu medda ta' art b'titolu ta' kera minghand il-Gvern, huma eskludew din ir-rampa ghaliex, sintendi, jsostnu li din hija taghhom in proprjeta'.[77]

[74] Dan kif jirrizulta wkoll mir-ritratti annessi mal-affidavit tal-attur Laurence Attard - ref.: ritratti a fol 45 u 46.
[75] Ritratt mill-ajru a fol 129.
[76] Ref.: pjanta a fol 94.
[77] Ref.: applikazzjoni a fol 130 sa 133 u pjanta afol 134.

Sabiex imbaghad jittentaw jipprovaw li l-istess rampa hija taghhom fi piena proprjeta', l-atturi jghidu li meta missierhom originarjament akkwista l-fond numru tnejn (2), Triq tas-Sellum, ix-Xaghra, Ghawdex, dan l-istess gie b'mandra u remissa liema remissa kienet tinsab fuq quddiem tieghu u eventwalment tnehhiet sabiex sar garaxx, bieb gdid ghad-dar taghhom, kif ukoll tisqifa fejn qabel kienet ir-remissa u taht liema issa jirrizulta li l-atturi jipparkeggjaw il-vetturi taghhom.[78]

Bi prova tal-estent allura tal-arja superficjali kollha li kien hekk akkwista missierhom, l-atturi jressqu lix-xhud George Debrincat li jixhed li huwa kien ghen lill missier l-atturi jhott ir-remissa b'dan li jaf allura li din kienet tasal sat-tarf tat-tisqifa li issa tinsab fuq il-bieb tad-dar u tal-garaxx tal-atturi kif immarka fuq ir-ritratt a fol 63.

L-atturi ressqu wkoll lill-Perit Saviour Micallef li xehed li sabiex hejja *survey* mitlub minnu mill-atturi, huwa rrefera ghall-pjanti fl-arkivji u s-*survey sheets* tal-Awtorita' tal-Ippjanar minn fejn sab il-kejl superficjali ta' bitha li hemm quddiem il-post tal-atturi, fejn illum hemm rampa, u ohra li kienet magenb il-post.

Il-Perit Micallef izid jixhed li wara dan l-ercizzju huwa mmarka l-proprjeta' tal-atturi ***approssimitivament*** fuq *survey sheets* tal-Awtorita' tal-Ippjanar u stampa kopja l-istess li provda lill-atturi.[79]

Li jirrizulta minn dan is-*survey* imhejji mil-Perit Micallef mhuwiex izda li l-proprjeta' intiera, inkluzi btiehi jew remissa, li originarjament akkwista l-awtur tal-atturi ahwa Attard, missierhom Nicholas Attard, tista titqies li tinkludi wkoll l-intier tar-rampa in mertu. Anzi, mill-istess *survey* kif ezebit in atti r-rampa tirrizulta kompletament eskluza.[80]

B'dan li, mill-assjem ta' dan kollu, din il-Qorti ma' tistax tikkonkludi li r-rampa hija proprjeta' esklussiva tal-atturi izda anqas tista tikkonkludi li hija proprjeta' tal-Gvern kif jallega l-konvenut u allura, li hija pubblika jew addirittura triq pubblika kif ukoll jallega l-konvenut.

---

[78] Ref.: ritratt. *Inter alia*, a fol 39 u iehor a fol 63.
[79] Ref.: *survey* a fol 95 u 96.
[80] Ref.: *survey* a fol 95.

Il-konvenut, fil-fatt, naqas milli jressaq prova li din ir-rampa, ghalkemm irrizulta kjarament li m'hijiex registrata f'isem il-Gvern mar-Registru tal-Artijiet, hija ghalmenu triq skemata li nfethet skond l-obbligi ta' zviluppatur ta' proprjeta' ai termini tal-Ligi Sussidjarja 499.57 jew li kellha jew ghandha tinfetah; prova li certament kienet facilment producibbli.

Minkejja dan, din il-Qorti tosserva izda li filwaqt li l-konvenut insista li huwa ghandu dritt ta' access minn din ir-rampa, l-atturi ma' nnegawx dan, anke jekk qalu li ma' jifhmux ghalfejn ghandu tali access meta skonthom jista facilment jaccedi minn banda ohra.

L-atturi anqas ma' nnegaw li jekk tassew xi darba kien hemm remissa fuq quddiem tal-proprjeta' taghom, din qatt ma' kienet tiehu l-kejl superficjali tar-rampa kollha. Dan tant li, *inter alia*, anke waqt l-access mizmum minn din il-Qorti qablu li tali remissa kienet irtirata lill hemm mill-hajt tas-sejjiegh bejn l-istess rampa u l-mandra tal-konvenut b'dan li kienet thalli spazju ta' madwar metru u nofs li jidher li jompli mall-access tal-konvenut fit-tarf ta' fuq, it-tarf oppost ghal Triq tas-Sellum, min fejn il-konvenut jaccedi proprjeta' tieghu li tigi wara din ir-rampa - u d-dar tal-atturi - tramite passagg dejjaq accessibbli biss bir-rigel.[81]

Jirrizulta ghalhekk a sodisfazzjon ta' din il-Qorti li ghalkemm mhux pruvat jekk ir-rampa in mertu hijiex effettivament triq skemata kif jidher jallega l-konvenut, anqas huwa pruvat li din hija proprjeta' assoluta tal-atturi bi dritt biss ta' access bir-rigel favur il-konvenut.

B'dan li allura l-porzjon ta' din ir-rampa ta' metru u nofs wisgha imkejjel minn fejn kien il-hajt tas-sejjiegh bejn l-istess u l-mandra tal-konvenut ghat-tul kollu taghha tista certament titqies bhala komuni bid-drittijiet relattivi ghal tali.

***Dwar il-potenzjali ftuh ta' aperturi jaghtu ghal fuq din ir-rampa:***

Ikkunsidrat li r-rampa in mertu tista allura titqies bhala mizmuma in komun, ghalmenu f'dik il-parti taghha fejn hemm qbil li anke jekk setghet kienet tezisti r-remissa li jsemmu l-atturi kienet kull kif tkun libera ghall-

[81] Dan il-passagg jidher kjarament bhala spazju hieles abjad fuq is-*survey* tal-Perit Saviour Micallef a fol 95 u 96.

access da parti ta' kulhadd, il-proviżjoni tal-liġi relevanti għal din il-kwistjoni hija dik tal-Artikolu 493 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li trid:

> **493**. *Ebda komproprjetarju ma jista' jagħmel tibdil fil-ħaġa in komun* ***mingħajr il-kunsens tal-komproprjetarji l-oħra, lanqas jekk jidhirlu li dak it-tibdil hu ta' ġid għal kulħadd****.*
>
> [Emfażi miżjuda]

Il-liġi trid allura li sabiex kompropretarju jkun jista' validament jagħmel tibdil fil-ħaġa miżmuma in komun, irid il-kunsens ta' kull kompropretarju ieħor u dan irrispettivament minn jekk jidhirlux jew le li tali tibdil ser ikun għal ġid ta' kulħadd.

Il-kweżit li trid tirrispondi din il-Qorti fid-dawl ta' din id-dispozizzjoni huwa allura jekk it-*tibdil* li sar jew huwa previst hux tali li jiskatta l-Artikolu 493.

Dwar dan, din il-Qorti ser tiċċita ampjament mid-deċiżjoni mogħtija nhar it-tletin (30) ta' Novembru, 2007 fl-ismijiet ***Joseph Ripard et vs Onor. Prim Imħallef Carmelo Schembri et***[82] li kienet ukoll titratta xogħol fuq sqaq komuni u fejn ġie ritenut:

> *La darba l-konvenuti huma komproprjetari ta' l-isqaq huma jistgħu jinqdew bl-istess fil-limiti permessi mil-liġi. Fil-fatt, skond l-artikolu 491 tal-Kodiċi Ċivili, kull koproprjetarju jista' jinqeda bil-ħwejjeġ in komun basta: (a) li jinqeda bil-ħaġa skond id-destinazzjoni tagħha kif stabbilita bl-użu; u (b) li ma jinqediex bil-ħaġa kontra l-interess tal-komunjoni, jew b'mod li ma jħallix lill-koproprjetarji l-oħra jinqdew biha in komun skond il-jeddijiet tagħhom.*
>
> ***Hu veru li ebda koproprjetarju ma jista' jagħmel alterazzjonijiet fil-fond mingħajr il-kunsens tal-koproprjetarji l-oħra****, u jekk anke wieħed mill-koproprjetarji jallega li hu ma tax il-kunsens tiegħu, jista' jaġixxi kontra dak il-koproprjetarju li wettaq l-alterazzjoniet mingħajr biss il-ħtiega li l-koproprjetarji l-oħra jiddaħħlu fil-kawża.*
>
> ***Għalkemm il-liġi tipprojbixxi b'mod ġenerali li jsiru alterazzjonijiet fl-oġġett in komuni, il-ġurisprudenza tagħna ttaffi ftit din ir-***

[82] Appell. Ċiv. Nru. 928/1989/1

***restrizzjoni u ġie imfisser li bil-projbizzjoni msemmija fl-Artikolu 493 tal-Kodiċi Ċivili, wieħed għandu jifhem dawk l-alterazzjonijiet li għandhom it-tendenza li jbiddlu d-destinazzjoni, l-istat u l-konsistenza tal-ħaġa komuni, u mhux ukoll dawk li sempliċiment iservu għall-aħjar godiment tal-ħaġa***.

***Koproprjetarju m'għandux dritt li jagħmel tibdil ta' sustanza li jbiddel in-natura ta' l-oġġetti in komun*** *mingħajr il-kunsens tal-koproprjetarji kollha (ara Farrugia v. Fenech deċiża minn din il-Qorti fl-4 ta' Novembru, 2005, u l-ġurisprudenza hemm kwotata, speċjalment fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti li kienet ġiet konfermata minn din il-Qorti).*

*Fil-fatt, fil-waqt li f'din l-aħħar indikata sentenza it-tibdil ta' art minn sit fabbrikabbli għal fond fabbrikat, ġie meqjus bħala bidla fis-sustanza ta' l-oġġett in komun, fil-kawż LaFerla v. Vella, deċiża minn din il-Qorti fil-25 ta' Frar, 2005, intqal li sid ta' flat għandu kull dritt li jqabbad katusa ġdida ma' katusa komuni; bl-istess mod l-installazzjoni ta' air-conditioning unit zgħir fuq il-bejt komuni mingħajr ma dan joħloq ingombru jammonta għall-użu fil-qies tal-proprjeta` komuni. L-istess jgħodd għall-użu ta' ħbula ta' l-inxir fuq il-bejt komuni.*

*Fil-kawża Bedingfield v. Caruana, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Marzu, 2002,* ***ġie osservat li l-kelma "tibdil" tfisser li jkun sar kambjament fl-oġġett in kwistjoni b'dan illi m'għadux jikkonsisti fil-forma oriġinali tiegħu. Xogħlijiet ta' dekorazzjoni jew xogħlijiet superfiċjali oħra anke fit-tifsira oriġinali ta' din il-kelma ma jbiddlux in-natura ta' l-oġġett u għalhekk ma humiex kolpiti bis-sanzjoni ta' l-artikolu fuq ċitat***.

*Dan huwa wkoll ġuridikament logiku peress illi l-iskop ta' dan l-artikolu huwa li jipproteġi lill-koproprjetarji li ma għandhomx il-pussess ta' l-oġġett in kwistjoni milli arbitrarjament isir it-tibdil f'dak l-oġġett mill-koproprjetarji li jkollhom il-pussess, liema tibdil jista' serjament jaffettwa n-natura ta' l-oġġett/fond in kwistjoni.*

*Issa f'dan il-każ, ma jirriżultax li, mill-isqaq, qed isir użu li b'xi mod ifixkel lill-koproprjetarji l-oħra milli jinqdew bih jew li fih saru xi alterazzjonijiet li jaffettwaw in-natura tiegħu.*

***Dak li għamlu l-konvenuti meta fetħu aperturi ġodda għal fuq l-isqaq komuni u għaddew diversi katusi għal ġo fih jammonta ghall-użu fil-qies tal-proprjeta` komuni.***

*Fl-isqaq ma sar ebda xogħol li jbiddel id-destinazzjoni, l-istat u l-konsistenza tieghu, u kwindi dak li sar għandu jitqies bħala użu fil-qies li l-konvenuti qed jagħmlu mill-oġġett in komun.*

[Emfażi miżjuda]

Applikati dawn il-prinċipji għal-mertu ta' din il-vertenza, mill-assjem tal-provi miġbura f'din l-istanza jirriżulta li fil-konvenut sal-istadju ta' dawn il-proceduri kien hemm biss il-hsieb li tinfetah apertura ghal gor-rampa, u dan kif osservat din il-Qorti fl-access u kif anke jirrizulta mir-ritratti in atti a fol 45 u 46.

Huwa car ukoll li m'hemmx kunsens da parti tal-atturi sabiex isir dan stante li l-atturi jilmentaw minn tali ntenzjoni u jinsistu li f'dan il-hajt kif kien originarjament qatt ma' kien hemm aperturi. Dan kollu waqt li l-konvenut kif ukoll hutu lkoll jaqblu li fl-istess hajt qatt ma' kien hemm aperturi, ghalkemm jghidu li kien hemm xi tarag.

B'dan izda li skond il-gurisprudenza nostrana hawn diga ccitata tali tibdil ma' jistax jitqies bhala tali li jbiddel is-sustanza tal-ħaġa ossia, id-destinazzjoni, l-istat u l-konsistenza tal-parti meqjusa mizmuma in komuni bejn il-partijiet u potenzjalment anke terzi u għalhekk ma huwiex kolpit bis-sanzjoni ta' l-Artikolu 493 suċċitat.

***Dwar il-hajt li kien tas-sejjiegh bejn il-mandra tal-konvenut u r-rampa in mertu:***

Mill-assjem tal-provi jirrizulta ampjament li tali hajt inqala u nbidel - ghalmenu in parte fejn lehaq wasal bix-xoghol il-konvenut qabel twaqqaf bil-mandat ta' inibizzjoni numru 56/2020 intavolat mill-atturi – minn wiehed tas-sejjiegh ghal wiehed mibni bil-kantun.[83]

[83] Ref.: ritratti juru l-hajt pristinu kif kien tas-sejjiegh a fol 58 u 60 kif ukoll dak mehud mil-*Google Earth* ezebit mar-risposta guramentata a fol 35 *vis-à-vis* ir-ritratti ezebiti a fol 44, 45, 46, 47, 48, 49, u 50.

Il-lanjanza tal-atturi hawn hija li bix-xoghol intrapriz minnu l-konvenut biddel il-forma, natura, u destinazzjoni tal-hajt izda anke kiel mill-kejl superficjali dovut lilhom billi bl-istess bdil tal-hajt huwa resaq aktar lil'hemm mil-mandra tieghu u lejl ir-rampa li huma jqisu bhala taghhom u b'hekk gwadanja kejl superficjali fuq in-naha tal-mandra tieghu.

Il-konvenut jilqa' ghal dan billi jghid li tali hajt kien dejjem kompriz fil-proprjeta' tieghu u ma' kienx allura divizorju b'mod li l-atturi jistghu jaghmlu l-oggezzjonijiet li qieghdin jaghmlu.

Minn dak diga kkunsidrat hawn aktar 'il fuq f'din id-decizjoni relattivament ghar-rampa u l-proprjeta' taghha, u anke b'referenza ghar-ritratt mill-ajru ezebit a fol 58 u s-*survey* tal-Perit Micallef ezebit a fol 95 u 96; din il-Qorti tosserva u tikkunsidra li gjaladarba gie ritenut li ghalmenu fil-wisgha ta' metru u nofs minn fejn qabel kien il-hajt tas-sejjiegh 'il barra lejn ir-rampa dan kien passagg miftuh ghal diversi persuni nkluz il-konvenut, liema passagg kien ikompli ma' dak il-passagg li ghadu sa issa in situ fuq il-lemin tal-garaxx tal-atturi jekk wiehed ihares lejn l-istess garaxx: jekk ittiehed xi kejl superficjali bit-tibdil fil-hajt maghmul mil-konvenut dan ittiehed mill-passagg komuni u mhux minn xi proprjeta' tal-atturi.

B'dan izda li tali tehid huwa certament tibdil tali li skond anke il-gurisprudenza diga ccitata u jibdel ghalhekk l-istess passagg b'mod li jippregudika lill-utenti ohra tieghu u ghalhekk jista jsir biss bil-kunsens ta' kull kopropretarju u fin-nuqqas anke ta' biss koproprjetarju wiehed ghandu jitqies li sar bi ksur l-Artikolu 493 tal-Kap. 16 succitat.

Hija ghalhekk il-fehma kkunsidrata ta' din il-Qorti li l-hajt tas-sejjiegh li nqala u nbidel ghandu jekk mhux jigi ripristinat jinbena skond il-linja tan-nofs ta' fejn kien qabel b'dan li ebda wisgha kif maqbul waqt l-access bejn il-partijiet m'ghandha tittiehed mil-linja medjana tieghu lejn ir-rampa.

**Decide:**

Ghaldaqstant, in vista tal-premess u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt

illi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenut konformement ma' dak hawn deciz:

i. Tilqa' l-ewwel talba attrici limitatament fis-sens li tiddikjara li l-hajt li qabel kien tas-sejjiegh sitwat bejn il-mandra tal-konvenut u r-rampa in mertu ta' dawn il-proceduri huwa divizorju u komuni izda bejn proprjeta' parti mir-rampa in mertu u l-mandra tal-konvenut;

ii. Tilqa' it-tieni talba attrici u tordna lill-konvenut jibni dan il-hajt hekk imsemmi fl-ewwel paragrafu ta' din il-parti disposittiva skond il-linja tan-nofs ta' fejn kien qabel b'dan li ebda wisgha m'ghandha tittiehed mir-rampa izda l-istess hajt ghandu jibqa' jasal sa fejn kien jasal qabel u dan fi zmien xharejn mid-data ta' din id-decizjoni. Fin-nuqqas ikunu awtorizzati jaghmlu dan ix-xoghol l-atturi a spejjez tal-konvenut;

iii. Tichad it-tielet talba attrici, u;

iv. Tichad ir-raba' talba attrici.

Bl-ispejjez ta din il-kawza jinqasmu nofs a karigu tal-atturi bejniethom u nofs a karigu tal-konvenut.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur